*ART.32 TAL-KONVENZJONI*

*ART.6 TAL-EWWEL PROTOKOLL TAL-ECHR*

*INTERESS GURIDIKU*

*PROVA TA' TITLU*

*STATUS TA' VITTMA*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Ottubru 2017**

**Kawza Numru : 1**

**Rikors Kostituzzjonali Numru : 101/2013/LSO**

**Eve *sive* Evette Agius mart Joseph (Karta ta' Identita` 465942(M)), Carmel Camilleri (Karta ta' Identita` 577347(M)) u Lewis Camilleri (Karta ta' Identia` 605248(M)), fil-vesti**

**taghhom bhala werrieta universali tad-decujus missierhom Michael Camilleri (Karta ta' Identita` 630213(M))**

**vs**

**1. L-Awtorita` tal-Artijiet u**
**2. L-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Eve *sive* Evette Agius mart Joseph, Carmel Camilleri u Lewis Camilleri datat 16 ta' Dicembru 2013 fejn esponew: -

**Generali**

Illi missier l-esponenti ossia Michael Camilleri miet nhar it-23 ta' Novembru 1995 u halla bhala werrieta tieghu lil uliedu kollha ossia l-esponenti kollha flimkien ma' ohthom Julie Aquilina mart Gregory, liema wild tal-ahhar imsemmija rrinunzjat ghall-eredita` ta' missierha;

Illi sa qabel ma miet l-imsemmi Michael Camilleri, huwa kien is-sid ta' bicca art li in totalita` kien fiha qies ta' 1365 metri kwadri sitwata gewwa Birkirkara;

Illi permezz ta’ dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 29 ta’ Ottubru 1990, l-art imsemmija giet espproprijata flimkien ma' art ohra kontigwa maghha sabiex eventwalment inbena l-isptar Mater Dei;

IIli in segwitu ghal tali dikjarazzjoni, Michael Camilleri gie rikoverat gewwa l-isptar pubbliku San Vincenz de Paule u dana minhabba l-kondizzjoni medika tieghu;

Michael Camilleri kien jghix proprju gewwa Ward 8, Bed 4 fl-imsemmi sptar;

Illi l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ben konxju tal-qaghda ta' Michael Camilleri, ben konxju tal-istat fiziku u mentali tieghu, wara d-debita ricerka li huwa ghamel ma' dipartimenti governattivi ohra, sab fejn kien qieghed jirrisjedi l-imsemmi Michael Camilleri u baghat lil Michael Camilleri l-Avviz ghall-Ftehim [datat 11 ta’ Novembru 1994], proprju fuq is-sodda tieghu gewwa l-imsemmi sptar;

Illi l-istat mediku ta' Michael Camilleri ma kienx wiehed tajjeb li dak iz-zmien seta' jitqies konxju bizzejjed sabiex jiehu dawk id-decizjonijiet necessarji sabiex jaghti struzzjonijiet u/jew jingagga professjonista legali in konnessjoni mal-mertu ta’ dan l-avviz ghall-ftehim;

Ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti ta’ Michael Camilleri skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta skont il-procedura applikabbli dak iz-zmien in konnessjoni mal-mertu tal-Avviz ghall-ftehim;

Illi fis-16 ta' Frar 1995 l-intimat Kummissarju tal-Artijiet permezz ta' cedoli ta' depozitu 103/95 u 104/95, iddepozita s-somma totali versu l-art mehuda, fl-ammont ta' Lm439.00;

Illi dawn ic-cedoli ta' depozitu gew mibghuta bil-posta registrata lil Michael Camilleri dejjem gewwa San Vincenz mill-marixxall tal-Qorti Andrew Grixti nhar it-23 ta' Frar 1995;

Illi jirrizulta li ghal dak li ghandu x' jaqsam mad-Direttur Generali tat-Taqsima tal-Proprjeta` tal-Gvern (gja Kummissarju tal-Artijiet) jezisti *file* fuq il-kaz tar-rikorrenti bir-referenza L193A/90/1 u 416/90;

A. L-ewwel vjolazzjoni - l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem

Huwa llum assodat fil-gurisprudenza dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li persuna ghandu jkollha avukat tal-fiducja taghha jew avukat tal-ghajnuna legeli. L-avukat irid jikkomunika liberament mal-klijent u l-avukat irid jaghti l-parir tieghu b'mod li l-klijent jifhmu waqt li l-avukat stess jifhem lill-klijent. Fejn il-kazi wrew li ghal xi raguni jew ohra din l-ghajnuna ma nghatatx kif suppost, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabet vjolazzjoni. L-esponenti bl-ebda mod mhuma qeghdin jaccennaw li l-fatti odjerni huma simili ghall-fatti msemmija fil-kazijiet indikati ghaliex il-*unit* krucjali mhuwiex biss ikollux avukat imma jekk l-'avukaterija' tistax tkun effettiva biex tizgura ssir il-gustizzja.

Fil-kaz odjern, tenut kont tal-*iter* li wassal ghal dan l-istat ta' fatt, l-istess Kummissarju tal-Artijiet li kien ben konsapevoli tal-istat mediku ta' Michael Camilleri ghadda xorta wahda sabiex iqis lill-istess Michael Camilleri bhala persuna *compos,* sabiex jarrikkixxi lilu nnifsu ghad-dannu tal-istess Camilleri u l-familja tieghu.

Dan is-suespost qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet kien gie nfurmat bil-qaghda tal-imsemmi Michael Camilleri u sabiex kull korrispondenza jew xort'ohra tigi komunikata lil bintu Eve Agius u minflok, l-intimat deliberatament xorta wahda baghat l-Avviz ghall-Ftehim lil Michael Camilleri personalment nhar il-11 ta' Novembru 1994 fuq dik li kellha tkun is-sodda tal-mewt tieghu.

B. It-tieni vjolazzjoni - l-artikoli 32 u 37 tal-Kostittuzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi huwa l-obbligu tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li jaghti "adequate compensation" meta huwa qieghed jezercita d-drittijiet tieghu sabiex tittiehed art ghal skop pubbliku.

Fil-kaz odjern certament ma ghamilx hekk u dan tenut kont tal-fatt li sidien tal-artijiet kontigwi ma' artijiet proprjeta` ta' Michael Camilleri nghataw kumpens ferm oghla minn dak offrut [u depozitat] lil Michael Camilleri. *Di piu`* l-ammont offrut bhala kumpens lil Michael Camilleri ma jirriflettix il-

valur fis-suq ghas-sena 1994 izda huwa ferm u ferm aktar baxx.

Jinghad ukoll illi l-esponenti qatt ma gew mgharrfa jekk effettivament l-art mehuda lil Michael Camilleri intuzatx kollha jew le, u f'kaz li ma intuzatx kollha dawk il-porzjonijiet li baqghu qatt ma ntuzaw, qatt ma nghataw lura lilhom.

IIIi ma huwiex kontestat li l-Gvern fil-kaz odjern agixxa fl-interess pubbliku *stante* l-bini ta' sptar pubbliku, madanakollu, dawn il-jeddijiet tal-Gvern huma limitati bid-dmir li jaghti kumpens xieraq lill-individwi privati li jkunu sofrew l-esproprijazzjoni, liema kumpens huwa necessarju ghaliex jemergi mid-dritt tal-proprjeta` nnifsu hekk kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, hekk kif tenniet il-Qorti Ewropea fil-kawza ta' *"Lithgow";*

IIIi r-rikorrenti filwaqt li ma ghadhomx legalment proprjetarji tal-art, madadanakollu possibilment huma gew imcahhda mill-proprjeta` taghhom u bl-uzu u t-tgawdija tal-istess proprjeta`, fl-eventwalita` li parti mill-art mehuda ma intuzatx;

Illi minkejja li, hekk kif su riferit, mhuwiex kontestat li l-Gvern ghandu diskrezzjoni wiesgha sabiex jiddetermina x'inhu fl-interess pubbliku, l-individwu privat m'ghandux jigi sfurzat li jissaporti oneru eccessiv ghaliex ghandu jsir bilanc bejn il-bzonnijiet tal-komunita` u d-drittijiet tal-individwu, hekk kif qalet il-Qorti Ewropea f'kawzi bhal ***"Sporrong and Lonnroth v. Sweden";***

Illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta’ April 1996 fil-kawza fl-ismijiet ***"Onorevoli Perit Dominic sive Duminku Mintoff et v. Onorevoli Prim Ministru et"*** ghamlet referenza ampja ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea, inkluz is-su citat kaz ta ***"Sporrong and Lonnroth"*** kif ukoll il-kaz ***“James Cavendish, Corbett & Wilbraham”***, fejn il-Qorti Ewropea tenniet li ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjeta` tista’ ssir fl-interess pubbliku, certament dan ghandu jkun soggett ghal interpretazzjoni stretta, u bhala bazi ta’ dan il-kuncett taht il-Konvenzjoni hemm dejjem l-iskop li jigi evitat Ii individwu jigi assoggettat ghal privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta` tieghu;

Illi l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ampjament ikkjarifikat illi l-ipotezi ta’ privazzjoni ta' proprjeta` privata minhabba interess pubbliku, sabiex tkun konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, trid tilhaq rapport ragonevoli ta’ proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit, ekwilibriju gust bejn l-interess generali u dak tal-persuna b'mod li jigi evitat lill-individwu piz partikorari u ezorbitanti;

Illi l-Qorti Ewropea, fis-sentenza tal-21 ta’ Frar 1990 fil-kaz, “***Hakansson & Sturesson”,*** affermat in-necessita` li tigi rispettata din il-proporzjonalita`, u tenniet illi din il-kondizzjoni tigi nieqsa meta l-proprjetarju jigi assoggettat ghall-oneri specjali u ezorbitanti li jmorru *oltre* l-margini ta’ apprezzament spettanti lill-awtoritajiet nazzjonali;

Illi l-Qorti Ewropea tenniet ukoll, fil-kaz tal-“***Holy Monasteries”***, illi l-principju tal-proporzjonalita` jista' ma jkunx sodisfatt anke meta l-kumpens offrut taht il-legizlazzjoni li tirregola esproprjazzjoni proprja jkun baxx wisq;

Illi minkejja li sehhet esproprjazzjoni skont il-Ligi, ir-rikorrenti xorta sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif sanciti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea;

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza ***“Mifsud Maria v. Kummissarju tal-Artijiet et"***, gia citata, ghamlet dan car kristall;

Illi l-kawza su riferita kienet titratta esproprjazzjoni li sehhet bi *'Presidential Order'* hekk kif mitlub mil-ligi, fejn ir-rikorrenti s-sinjura Mifsud kienet inghatat il-kumpens mizeru ta' Lm8.40 fis-sena ghall-proprjeta` taghha;

Illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha, ikkonfermata *in toto* fl-appell, ikkwotat gurisprudenza bhal ***“Hentrich”*** u ***“Mintoff”***, gja citati, rigward il-fatt li individwu m’ ghandux jerfa’ oneru eccessiv ghall-interess pubbliku;

Illi l-istess Onorabbli Qorti tenniet illi meta l-kumpens offrut ghall-esproprjazzjoni jkun zghir u mhux xieraq, il-bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali ma jkunx inzamm, u ghalhekk minkejja li tkun saret esproprjazzjoni

bil-procedura skont il-Ligi xorta wahda jkunu gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

IIIi l-istess Onorabbli Qorti kkjarifikat illi r-rimedju ghal din il-vjolazzjoni jkun proprju l-hlas ta' kumpens xieraq li jerga' jsib il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess tal-individwu li jkun sofra l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` tieghu;

**Talba**

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara l-agir u l-mizuri mehuda mill-intimati, inkluz izda mhux limitat ghan-nuqqas ta' kumpens moghti, illegali u li jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 32, 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikoli 1 u 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

2. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iz-zmien irragonevoli li r-rikorrenti damu minghajr ebda kumpens, il-valur tal-proprjeta` esproprjata, u c-cirkostanzi ohra kollha li l-Qorti jidhrilha li huma rilevanti;

3. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skont il-ligi u cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Jannar 2014 u ordnat n-notifika tal-istess rikors lill-intimati b' ghoxrin (20) gurnata zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tal-Artijiet u tal-Avukat Generali datata 13 ta' Jannar 2014 (fol 13) fejn esponew : -

Illi in succint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li l-mod kif giet esproprjata l-propjeta' f'Birkirkara tad-decujus Michael Camilleri allegatament sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 32, 37 u 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 u 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba li l-intimat Kummissarju tat-Artijiet innotifika lil Michael Camilleri bl-Avviz ghall-Ftehim fil-post fejn hu kien qieghed jirrisjedi dak iz-zmien u cioe` f'San Vincenz de Paul u ghaliex l-kumpens li inghata ma kienx wiehed adegwat.

Illi l-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti. L-esponenti ma kisru l-ebda dritt fundamentali anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi liema ligi mhux qed tigi ikkontestata.

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jecepixxu l-inapplikabbilta' tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress illi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bhal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduci l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentati li dwarhom l-Istati firmatarji

jobbligaw ruhhom li jharsu fit-territorju taghhom. Dawn iz-zewg artikoli qatt ma jistghu jigu invokati. L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali *per se* u dan peress illi l-artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenuti fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-Artikoli 46 (1) tal-Kostituzzjoni.

2. Illi *in linea* preliminari, I-esponenti jeccepixxu wkoll in-nuqqas ta' applikabbilta' tal-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

L-esponenti jecepixxu li l-Artikolu 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet ta' Bniedem ma' jaghti l-ebda dritt fundamenteli u konsegwentement ma jistax jigi invokat bil-mod kif ghamel ir-rikorrenti. Fil-fatt l-artikolu 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jghid is-segwenti:

*"This protocol shall be open for signature by the Member of the Council of Europe, who are the signatories of this Convention; it shall be ratified at the same time as or after the ratification of the Convention. lt shall enter into force offer the deposit of ten instruments of ratification. As regards any signatory ratifying subsequently, the Protocol shall enter in at force at the date of the deposit of its instrument of ratification.*

*The instruments of ratification shall be deposited with e Secretary General of the Council of Europe, who will notify all the Members of the names of those who have ratified."*

Illi jidher car li dan l-artikolu ma jsemmi l-ebda dritt fundamentali tal-bniedem izda huwa biss artikolu li jistabbilixxi l-procedura kif il-Protokoll ghandu jigi rattifikat mill-pajjizi membri tal-Konvenzjoni u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali a bazi ta' dan l-artikolu hija nfondata u insostenibbli.

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titolu li fuqu qed jibbazaw l-azzjoni odjerna.

4. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu li dak kollu li jitwettaq skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa salvagwardjat bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista' titqies li tmur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jeccepixxu li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji li taghtihom il-ligi u allura ghandu jirrizulta li r-rikors kostituzzjonali huwa intempestiv. Il-principji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta' rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Fihom insibu specifikat li l-Qorti b'kompetenza kostitutuzzjonali ghandha tirrifjuta milli tinqeda b'dawn is-setghat specjali moghtija lilha mil-ligi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda dubju li l-lanjanza principali tar-rikorrenti hi li l-kumpens li inghata mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet ghal esproprjazzjoni ta' bicctejn art f'Birkirkara kien kumpens mhux adegwat u dan bi ksur tal-Artikoli 32, 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni. Madanakollu, l-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghar-rimedju ordinarju xieraq fis-sens li meta persuna ma taccettax il-kumpens offrut lilha hi tista' taghmel rikors quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet sabiex jigi determinat il-kumpens adegwat fic-cirkostanzi. Dan ir-rikors ghandu jsir fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika tal-Avviz ghall-Ftehim u fl-istess rikors ghandu jigi indikat, taht piena ta' nullita`, l-kumpens li fil-fehma tar-rikorrenti huwa adegwat. *Di piu`* l-Kap 88 jaghti dritt ta' appell minn decizjoni moghtija mill-Bord liema appell ghandu jigi intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell.

Meta d-decujus Michael Camilleri gie notifikat bl-Avviz ghall-Ftehim datat 11 ta' Novembru 1994, hu kellu kull opportunita' li jikkontesta l-kumpens bir-rimedju ordinarju li taghtih il-ligi pero' hu ghazel liberament li ma jaghmel xejn. L-intimat Kummissarju tal-Artijiet mexa skont il-ligi u fl-Avviz ghall-Ftehim hemm anki indikat iswed fuq l-abjad li r-rikorrenti seta', permezz ta' att gudizzjarju, jiddikjara li ma kienx qed jaccetta il-kumpens offrut lilu. Galadarba d-decujus m'ghamel xejn dwar dan, il-kumpens jitqies li gie accettat u sussegwentement l-istess kumpens gie depozitat il-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu u dan kollox skont il-ligi. Il-fatt li Michael Camilleri gie notifikat bl-Avviz ghall-Ftehim fl-isptar San Vicenz de Paul ma jfissirx li

kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu peress li huwa evidenti li l-Kummissarju tal-Artijiet ma' kellu l-ebda ghazla ohra hlief li jinnotifika proprju s-sid tal-propjeta' u cioe` Michael Camilleri.

Illi proceduri ta' bixra straordinarja bhalma huma kawzi kostituzzjonali mhumiex mahsuba biex jiehdu post il-proceduri ordinarji li kellhom u setghu jigu prospettati primarjament. Inkella minflok immorru quddiem il-Bordijiet jew il-Qrati tal-Appell nibdew nipprocedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali - haga li tmur lil hinn mill-iskop tal-proceduri kostituzzjonali. Ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan *ai termini* tal-Artikolu 6(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

6. Illi preliminarjament jigi rilevat ukoll li r-rikorrenti werrieta tad-decujus Michael Camilleri m'ghandhom l-ebda interess guridiku f'dan il-kaz *stante* li huma qatt ma kienu propjetarji tal-artijiet mertu tal-esproprjazzjoni in kwistjoni. Fiz-zmien meta sehh l-esproprjazzjoni, is-sid tal-artijiet kien Michael Camilleri u mhux il-werrieta tieghu ghalhekk l-persuna li allegatament seta' soffra xi dannu kien unikament id-decujus Michael Camilleri ghax il-propjeta' qatt m'ghaddiet f'idejn il-werrieta.

Galadarba d-decujus iddecieda li ma jikkontestax l-esproprjazzjoni jew il-*quantum* tal-kumpens allura l-propjeta' ghaddiet favur il-Gvern ta' Malta u

konsegwentement ir-rikorrenti qatt ma kellhom dritt fuq din il-propjeta'. Isegwi ghalhekk li f'dan il-kaz qatt ma seta' kien hemm lezjoni ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari wkoll, l-intimat Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan *a tenur* tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvern f'kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat. Fil-kaz odjern huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li huwa responsabbli mill-esproprjazzjoni tal-artijiet u ghalhekk l-Avukat Generali gie interpellat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esproprjazzjoni in kwistjoni saret perfettament skont il-ligi, ghal skop pubbliku u fl-interess pubbliku *oltre* l-fatt li l-istess rikorrenti thallsu kumpens xieraq kif rikjest mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Illi huwa accettat kemm mill-gurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-ligijiet li jaghtu setgha lil-Istat li jesproprja proprjeta' ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Dan il-principju gie ripetutament accettat mill-Qrati nostrali fejn f'sentenzi fosthom "***Anthony Pullicino et vs L-Avukat Generali et***." gie osservat illi :

*'Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. lnfatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-Artikolu 37, li jennuncja l-jedd fundomentali ta' l-individwu kontra t-tehid obbligatorju tal-proprejta' tieghu, "m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta'...". Fl-istess vena l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-stess dritt, jipprovdi li d-dispozizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' skont l-interess generali'.*

L-esponenti jissottomettu li l-Gvern jesproprja proprjeta', il-kumpens li jinghata huwa l-prezz fuq is-suq tal-art fil-mument meta jinhareg l-Avviz tal-Ftehim liema kumpens huwa kunsidrat bhala kumpens xieraq, gust, adegwat u proporzjonat.

9. Illi in kwantu bazati fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' access ghall-Qorti fit-termini tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jigi rilevat illi bhala principju d-dritt ghal access ghall-Qrati m'huwiex dritt assolut u dan id-dritt huwa wiehed li jista' jigi assoggettat ghal certi modalitajiet u limitazzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun oggettivament gustifikabbli. L-esponenti, madanakollu, jissottometti li l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi access ghall-awtorita' gudikanti fil-forma ta' appell mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet.

10. Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamenali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

12. Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 28 ta' Frar 2014 a fol 21 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Eve *sive* Evette Agius, Carmel Camilleri u Lewis Camilleri *nomine* datata 27 ta' April 2014 a fol 27 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tas-seduta tal-24 ta' April 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Arthur Azzopardi ghar-rikorrenti prezenti. Deher Dr Chris Falzon Scerri ghall-intimati kollha. Id-difensuri prezenti trattaw is-seba' eccezzjoni dwar il-legittimazzjoni passiva tal-Avukat Generali, liema trattazzjoni giet registrata *on tape*. Il-kawza qed tigi differita ghal sentenza *in parte* ghat-12 ta' Gunju 2014

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2014 (fol 37) fejn il-Qorti tat sentenza *in parte* fejn : "*Il-Qorti taqta'* ***taqta' u tiddeciedi****, billi* ***tilqa'*** *is-seba' eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u tiddikjara li l-Avukat Generali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi u*

*għalhekk il-Qorti tillibera lill-istess* ***Avukat Generali*** *mill-ħarsien tal-ġudizzju.*

*L-ispejjez jigu sopportati mir-rikorrenti.*

*Il-Qorti tordna li kontinwazzjoni tal-kawza."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Eve *sive* Evette Agius et datata 11 ta' Jannar 2017 a fol 66 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni tal-Artijiet datata 10 ta' Marzu 2017 a fol 79 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 18 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Matthew Brincat li assuma l-patrocinju tar-rikorrenti, prezenti fl-Awla. Dehru Dr Maurizio Cordina u Dr Francesca Zarb ghall-intimati. Dr Francesca Zarb talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, fis-sens li l-kliem il-"Kummissarju tal-Artijiet" ghandu jigi sostitwit bl-"Awtorita' tal-Artijiet". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kull fejn hu mehtieg. Id-difensuri tal-partijiet jistriehu fuq in-noti rispettivi u qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza finali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti qed jilmentaw li sofrew lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom fit-termini tal-**artikoli 32, 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** 'il quddiem tissejjah "Il-Kostituzzjoni", u **tal-artikoli 1 u 6** u **tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**".

Illi l-intimat irrespinga t-talbiet kif dedotti ghall-diversi ragunijiet, kemm ta' natura procedurali u fil-mertu. Eccepixxa in linea preliminari l-inapplikabilita' tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li jservi biss biex jintrodoci l-kapitolu ta' drittijiet u libertajiet fondamentali; l-inapplikabilita' tal-artikolu 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni in kwantu dan jirregola biss il-procedura ta' ratifika tal-istess Protokoll; li r-rikorrenti ghandhom jaghtu prova tat-titolu ; li din il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha biex tiddeklina milli terzercita l-poteri taghha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta; in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti; li l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur; fil-mertu li l-esproprju ma jlediex id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti bl-Artikoli 37 tal-Kostituzzoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. In kwantu ghall-allegat vjolazzjoni tad-dritt ta' access ghall-Qorti (**artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni)** l-intimat eccepixxa li dan mhuwiex dritt assolut u fi kwalunkwe kaz il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi procedura ta' access fil-forma ta' appell mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet.

Illi s-seba' eccezzjoni giet sorvolata b'sentenza preliminari u b'effett tal-istess l-Avukat Generali gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.[1]

**Fatti Rilevanti**

Illi fis-succint il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Dawn il-fatti jirrizultaw pacifici bejn il-partijiet.

Michael Camilleri, missier ir-rikorrenti miet fit-23 ta' Novembru 1995 fl-Isptar San Vincenz de Paule. Hu kien ilu rikoverat hemm sa mit-12 ta' Novembru 1993.[2]

Illi fid-29 ta' Ottubru 1990 giet ippubblikata d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li permezz taghha giet esproprjata porzjoni art ta' circa 1365 mk gewwa Birkirkara bhala parti mill-progett ta' kostruzzjoni tal-Isptar Mater Dei. (Avviz 701 tas-6 ta' Novembru1990).[3]

L-Avviz ta' Ftehim datat il-11 ta' Novembru 1994 intbaghat lill-Michael Camilleri, allura sid tal-art, fl-Isptar San Vincenz de Paule fejn kien rikoverat.

Illi fis-16 ta' Frar 1995 billi ma kienx hemm kontestazzjoni, l-intimat iddepozita somma totali ta' Lm439 permezz ta' zewg cedoli numri rispettivament 103/95 u 104/95.

[1] Sentenza tat-12 ta' Gunju 2014 a fol 38 et seq.
[2] Dok **RF1 a fol 61.**
[3] Xhieda ta' Margaret Falzon a fol 95.

## PROVI

Xehed **Dr. Ronald Fiorentino** (fol 62) Superintendent Mediku tal-Isptar San Vincenz de Paule li xehed li l-file tad-decujus kien gie distrutt u esebixxa minflok *case summary* tieghu (DOK RF1).[4] Xehed li l-kagun tal-mewt kien "*chronic organic brain syndrome, old stroke, Paget disease*" li hu fisser bhala "*speci ta' dementia jew xi forma ta' cognitive impairment li mhux bilfors tkun dementia. Tista' tkun per ezempju 'pyschosis'.* Id-decujus kien jinsab rikoverat fis-sala tal-Irgiel 7 u 8 .

Xehdet **Margaret Falzon**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Artijiet (fol 65) li kkonfermat li l-art in mertu flimkien ma' artijiet ta' terzi, giet esproprjata sabiex jinbena l-Isptar Mater Dei, fi zmien San Raffaele. Ikkonfermat wkoll li Michael Camilleri gie notifikat f'San Vincenz de Paule fis-sodda tieghu.

Regghet xehdet (fol 79) u qalet li t-talba ghall-esproprjazzjoni originat min-naha tal-Ministeru ghall-Politika Socjali[5] kif ukoll pjanti li juru l-art in mertu (Dok MF2 inizjalati mix-xhud). Dawn huma porzjoni *zghira* u *porzjoni kbira* mmarkati bl-orangjo izda, filwaqt li z-zghira dahlet fl-izvilupp ipproggettat, il-porzjoni kbira baqghet ma gietx zviluppata. Gew esebitit wkoll il-valutazzjonijiet tal-Perit tal-Gvern.

[4] Minn dan id-dokument jirrizulta li r-rikorrent Lewis Camilleri kien indikat bhala "*the nearest relative."*
[5] Fol 75 ittra datata l-1 ta' Gunju 1990.

Regghet xehdet (fol 95) u kkonfermat li kien hemm porzjoni ohra tal-istess daqs bhall-art tad-decujus li giet esproprjata wkoll fl-istess dikjarazzjoni Presidenzjali.

Xehed **Joseph Agius** ir-ragel tar-rikorrenti Eve sive Evette Agius (fol 87) li qal li hadu d-decizjoni li missier il-mara jigi rikoverat fid-Dar tal-Anzjani billi sar *bedridden* u beda jitlef il-memorja. Il-kondizzjoni tieghu kienet hazina u meta baghta minn *stroke* kien mar lura hafna fis-sens li jitlef il-memorja u ma kienx ta' wahdu. Ibnu Lewis kien jiehu hsieb il-pensjoni filwaqt li x-xhud u martu kienu jiehdu hsieb affarijiet ohra tal-missier.

Qal li sar jaf bl-esproprju ghaliex kugini tal-mara gharrfuhom li kienu rcievew xi korrispondenza billi kienu sidien ta' art li giet ukoll esproprjata ghall-istess progett. In segwitu kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet billi sar jaf li kienet giet offruta somma li ssejjah "*redikola*" u oggezzjona ghas-somma. Hu kien kiteb fis-sena 1994 qabel li sar id-depozitu. Qal ukoll li kien ra ghall-ewwel darba l-ittra mibghuta mill-Kummissarju tal-Artijiet lill-kunjatu tieghu wara li Michael Camilleri kien miet. Sar jaf minn hu l-mara Lewis li sab l-ittra. Sussegwentement kitbu lid-Dipartiment permezz tal-avukat taghhom izda baqghu minghajr ezitu.

Xehed ukoll li l-kugini tal-mara rcevew Lm70,00 b'kumpens izda ma tressqu l-ebda prova dwar dan.

## RELAZZJONI TAL-PERIT ALAN SALIBA

Illi din il-Qorti hatret lill-Perit Ian Saliba espert tekniku biex jaghmel stima tal-artijiet skont il-valur fuq is-suq fiz-zmien tal-esproprju.[6]

Fir-rapport tieghu a fol 33 *et sequitur,* il-Perit kkonstata li l-art tikkomprendi tliet bicciet rispettivament ta' 22 mk (1Q), 648 mk (2A) u 695 mk (3B) li gew stmati mill-Perit tal-Gvern fl-ammonti rispettivi ta' Lm8, Lm208 u Lm223. Dawn l-ahhar zewg artijiet jinsabu fuq in-naha l-ohra tal-bypass f'parti li kienet intenzjonata ghall-isptar imma ghadha ma gietx zviluppata.

Irraporta li billi jidher li l-art imsejha **2A** tmiss mat-triq, "*il-valur, anke jekk tkun agrikola, tigi affettwata pozittivvament partikolarment jekk din (it-triq) tkun principali bhalma hu l-kaz.*" L-**art 3B** tinsab wara l-art 2A u ma tmissx mal-*bypass*.

Huwa kkonkluda billi ghamel stima tal-valur tal-artijiet rispettivament skont is-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| **1Q** | **22mk** | **€ 330** |
| **2A** | **648mk** | **€9,720** |
| **3B** | **695 mk** | **€5,560** |
| | | |
| **TOTAL** | **1,365 MK** | **€15,610** |

[6] Digriet tat-23 ta' Gunju 2015.

Permezz ta' rapport addizzjonali datat il-11 ta' April 2016 esebit a fol 55 *et sequitur* ivvaluta l-artijiet fil-prezent fis-segwenti ammonti:

| | | |
|---|---|---|
| **1Q** | **22mk** | **€ 10,000** |
| **2A** | **648mk** | **€356,000** |
| **3B** | **695 mk** | **€260,000** |
| | | |
| **TOTAL 1,365 MK** | | **€626,000** |

Il-**Perit Saliba** xehed in eskussjoni (fol 64a u 64b) u qal li l-**artijiet 2A u 3B** jinsabu f'zona tal-izvilupp u ma gewx zviluppati. Madanakollu biex art f'zona tal-izvilupp tista' tinbena iridu jiftehmu s-sidien kollha biex issir skema tat-toroq. Il-valuri li ta fit-tieni rapport ghall-artijiet 2A u 3B huma l-valur attwali li kieku jinbieghu issa fuq is-suq indipendentement minn ftehim bejn is-sidien, u f'tali kaz jigu jiswew aktar. Jista' jkun li meta jsiru t-toroq l-art tispicca fi triq.

**<u>ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

**1. L-inapplikabbilta' tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi din il-Qorti issib li din l-eccezzjoni hija gustifikata. **L-artikolu 32** huwa sempliċiment daħla għal-lista ta' Drittijiet Umani, kif elenkati fl-Kostituzzjoni u ghalhekk ma jistax jigi invokat kif qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti. **Il-Kostituzzjoni** stess fl-**Artikolu 46(1)** teskludi l-artikolu 32 meta tipprovdi ghall-possibilita` ta' allegazzjoni ta' ksur ta'

drittijiet fondamentali a tenur biss tal-artikoli 33 sa' 45 u kwindi l-artikolu 32 hu eskluz. Difatti fil-kawza bl-ismijiet "**Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et" (**PA 13 ta' Gunju, 2011), gie ribadit li "*l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikou 32 mhux inkluz f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta' l- ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat."*

Kwindi t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni timmerita li tiġi miċħuda.

**2. L-inapplikabbilta' tal-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.**

Illi dan l-artikolu huwa wkoll inapplikabbli. Dan l-artikolu jirregola l-procedura tar-ratifika tal-Ewwel Protokoll u mhuwiex kostituttiv ta' xi dritt fondamentali. Tant hu hekk li mhuwiex fost dawk l-artikoli (1 sa 3) elenkati ghall-fini tad-definizzjoni tad-"*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali*" moghti tassativament fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi li dan l-artikolu mhuwiex parti u mhuwiex esegwibbli bhala parti mil-ligi ordinarja taghna (**artikolu 3(1) tal-Kap 319).**

Din l-eccezzjoni wkoll qed tigi milqugha.

## 3. Prova ta' Titolu

Illi din il-Qorti irriskontrat nuqqas gravi in kwantu li l-kawza odjerna hija monka minn tali prova. Mill-atti tal-kaz ma jirrizultawx ippruvati la t-titlu ta' Michael Camilleri fuq l-art in kwistjoni u lanqas it-titlu tar-rikorrenti bhala eredi ta' Michael Camilleri. Huwa minnu li r-rikors promotur, fejn hemm premess li lkoll huma ulied id-decujus flimkien ma' ohthom Julie Aquilina huwa debitament mahlufHuwa allegat ukoll li Julie Aquilina irrinunzjat ghall-wirt ta' missierha. Madanakollu u minkejja li giet issollevata l-eccezzjoni specifika rigward il-htiega tal-prova ta' titlu, r-rikorrenti naqqsu milli jressqu mhux biss l-ahjar prova, imma lanqas l-icken prova biex jindirizzaw il-fatti.

Illi inoltre din il-Qorti ma tistax taghmel certu inferenzi mill-atti billi kull ma jirrizulta mill-atti huwa dak dikjarat fir-rikors promotur li qed jigi kkontestat. La hemm prova dwar jekk Michael Camilleri miet intestat jew testat, la hemm prova tar-rinunzja ta' oht ir-rikorrenti, u lanqas prova dwar it-titlu ta' Michael Camilleri stess. Huwa minnu li jirrizulta pacifiku li l-art giet esproprjata minghand Michael Camilleri izda din il-Qorti qed tintalab taghti rimedju lir-rikorrenti bhala werrieta tieghu, proprju ghaliex din il-*veste* ta' werrieta tintitolahom ghall-kumpens f'kaz li l-azzjoni taghhom tirnexxi. Huwa evidenti li tali azzjoni tehtieg bhala *sine qua non* li jipprovaw li huma intitolati ghal tali kumpens ghaliex ikunu dahlu fiz-zarbun tad-decujus.

Illi lanqas hija permessa ghall-Qorti li taghmel dawn l-inferenzi u tistrieh biss fuq ir-rikors promotur proprju

ghaliex l-intimat baqa' jinsisti fil-kontestazzjoni tieghu. Zamm ferm l-eccezzjoni u ittrattaha fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Tant hu hekk li rabatha wkoll mal-eccezzjoni preliminari minnu sollevata dwar in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tar-rikorrenti li ser tigi trattata aktar il quddiem.

Ir-rikorrenti, fin-nota taghhom, lanqas ghamlu l-icken accenn ghal din l-eccezzjoni preliminari li hija tant basilari, forsi ghaliex ghalihom ma hemmx lok ta' diskussjoni. Izda din ic-certezza taghhom m'ghandhiex valur probatorju. Dak li hu cert ghar-rikorrenti jibqa' fir-relm ta' ipotezi ghall-Qorti sakemm ma jigix sorrett bi provi konkreti.

Illi din il-Qorti hija ferm konxja bil-gravita' ta' allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seta' sar, fil-kaz odjern, allegatament a diskapitu ta' Michael Camilleri u per konsegwenza, bi pregudizzju ghall-werrieta tieghu.

Illi izda, l-Qorti m'ghandhiex quddiemha lil Michael Camilleri imma lill-persuni li qed jallegaw li huma l-eredi tieghu u qed jippretendu rimedju mill-Istat. Ghaldaqstant ma tistax tqieshom esonerati mill-obbligu li jissoddisfaw l-onere tal-prova li jinkombi fuqhom biex jistabbilixxu dawk il-fatti li fuqhom huma ppernjati t-talbiet taghhom.

Effettivament it-talba taghhom, kif ippernjata fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jesigi per definizzjoni prova ta' "*dritt*" altrimenti ma jistax jirnexxi.

Dan l-Artikolu jiddisponi hekk:

*“"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Conrad Axisa et v Avukat Generali et** (dec. 7 ta' Awwissu 2013):

*"15. Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru*, *iżda f’kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat".*

Il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb u fil-mankanza tal-prova tat-titlu taghhom u ta' Michael Camilleri, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li takkolji l-eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet.

## 4. Nuqqas ta' Interess Guridiku (is-Sitt Eccezzjoni)

In tema legali il-Kodici ta' Procedura Civili taghna ma jikkontjeni l-ebda disposizzjoni li tafferma l-principju li *"per proporre una domanda o per contaddire alla stessa e` necessario avervi interesse*" bhal ma hemm fil-Kodici Taljan. L-unici accenni li nsibu fejn tinsab enuncjata l-assjoma ta' l-interess guridiku huma l-**Artikolu 236**, fil-kaz ta' appell mit-terz interessat, u l-**Artikolu 960,** fil-kaz tal-intervjenti fil-gudizzju. Kif imfisser mill-Imhallef Paolo DeBono, "*se l'interesse e` la condizione sine qua non per il semplice intervento, e` tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio"* – "**Brockdorff –vs- Pace Balzan**", Qorti Kummerc, 8 ta' April 1899 (**Vol XVII pIII p15**).[7]

Illi l-interess guridiku f'kawzi bhal dik odjerna jirrizulta lil kull persuna li tallega li xi dritt kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura **(art. 46 (1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

Huwa risaput ukoll li l-element tal-interess guridiku fil-kuntest ta' kawzi ghat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kuncett ta' *vittma*. Dan il-kuncett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wiehed awtonomu, li jinghata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (ECtHR) indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija fil-ligi domestika.

---

[7] Re interess guridiku l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi citati mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, **Cecil Pace pro et noe er v Emanuel A Bonello pro et noe -** AC, 24-9-2004; **Joseph Agius v AIC Joseph Ellul Vincenci -** PA, 21-10-2002; **Nazzareno Spiteri et v Karl Busuttil et -** AC 27-3-2015

"*The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary."*[8]

L-istess awturi huma tal-opinjoni li l-Qorti ta' Strasbourg ma tippermettix *actio popolaris "nor may the Convention form the basis of a claim in abstracto that a particular law of even constitutional provision contravenes the Convention."*[9] Din hija wkoll il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni taghna li ma tippermettix l-*actio popolaris* ghat-tfittixija ta' protezzjoni minn lezjoni attwali jew probabbli ta' drittijiet fundamentali. (*Vide* ad es. il-kaz sucitat **Conrad Axisa et v Avukat Generali et).**

Isegwi li meta l-interess guridiku jigi kkuntrastat jehtieg li jigi ppruvat bhala f'azzjoni dwar allegat vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fondamentali.

Illi kif gja kkonstatat ma ingabitx il-prova tal-interess guridiku tar-rikorrenti billi dan l-interess jistrieh ta' bilfors fuq it-titlu derivattiv li jista' jkollhom minnghand Michael Camilleri.

Hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-intimati li anke jekk ir-rikorrenti qed jistriehu fuq l-istat taghhom ta' werrieta ta' Michael Camilleri, xorta m'ghandhomx l-interess guridiku biex jippromwovu din l-azzjoni. Huwa minnu li gjaladarba jigi stabbilit li Michael Camilleri kien l-uniku proprjetarju in assolut tal-beni esproprjati, jew li kien

[8] [8] Harris O'Boyle & Warbrick - op cit 3rd ed. p 84.
[9] Op cit page 87

igawdi minn xi dritt fuq dik il-proprjeta' li giet lesa bl-esproprjazzjoni lanjata, il "*bien"* ikun ittiehed forsozament mill-partimonju tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'kaz li eventwalment jista' jirrizulta li l-kumpens moghti ma kienx xieraq in kwantu sproporzjonat, il-werrieta ghandhom igawdu mid-dritt li jitolbu dak il-kumpens xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni sabiex il-patrimonju ereditarju jigi risarcit.

Fid-dawl ta' dak kollu premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju billi tiddikjara lir-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku personali biex jippromwovu din il-kawza fl-assenza ta' provi tat-titlu ta' Michael Camilleri fuq l-art in mertu u tat-titlu derivattiv taghhom bhala werrieta tieghu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimat, u tilqa' t-tielet u s-sitt eccezzjonijiet sollevati limitatament *stante* mankanza ta' provi kif spjegat fis-sentenza.

Konsegwentement tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li tirriserva lir-rikorrenti li jergghu jiddeducu t-talbiet taghhom flimkien mal-provi rekwisiti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom.

***5 ta' Ottubru 2017.***

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**5 ta' Ottubru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Ottubru 2017**